REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/125

tal-20 ta' Jannar 2025

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċja ta' Ontario, li ġew ikkonfermati fis-27 ta' Diċembru 2024 u t-2 ta' Jannar 2025, rispettivament permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Norfolk, l-Ingilterra, u fiż-żona amministrattiva ta' Angus, l-Iskozja li ġew ikkonfermati fit-28 ta' Diċembru 2024 u fl-10 ta' Jannar 2025 rispettivament permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 24 tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Arkansas (1) California (6), Delaware (2), Indiana (1), Michigan (4), Mississippi (1), Missouri (1), Nebraska (1), North Carolina (1), Ohio (2), South Carolina (1), South Dakota (1), West Virginia (1) u Wisconsin (1), li ġew ikkonfermati bejn l-24 ta' Diċembru 2024 u s-7 ta' Jannar 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat aktar tixrid tal-HPAI wara dawn it-tifqigħat reċenti tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat reċenti jenħtieġ li jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, il-Kanada pprovdiet informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħha fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-provinċja ta' British Columbia, li ġew ikkonfermati fil-31 ta' Ottubru 2024 u fil-21 ta' Novembru 2024 rispettivament permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Il-Kanada ppreżentat ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ħadet biex tipprevjeni aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara dawk it-tifqigħat tal-HPAI, il-Kanada implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla u tillimita it-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lestiet ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni li ppreżentat il-Kanada, u jidhrilha li din ipprovdiet garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex ikunu jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(16) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

EMENDI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.241 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.241	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.10.2024	15.1.2025"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.246 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.246	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.11.2024	15.1.2025"

(iii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.252 u CA-2.253 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.251:

"CA Il-Kanada	CA-2.252	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.12.2024	
	CA-2.253		N, P1		2.1.2025"	

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.341 u GB-2.342 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.340:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.341	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.12.2024	
	GB-2.342		N, P1		10.1.2025"	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.798 sa US-2.821 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.797:

"US L-Istati Uniti	US-2.798	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.12.2024	
	US-2.799		N, P1		27.12.2024	
	US-2.800		N, P1		24.12.2024	
	US-2.801		N, P1		27.12.2024	
	US-2.802		N, P1		2.1.2025	
	US-2.803		N, P1		3.1.2025	
	US-2.804		N, P1		3.1.2025	
	US-2.805		N, P1		31.12.2024	
	US-2.806		N, P1		30.12.2024	
	US-2.807		N, P1		30.12.2024	
	US-2.808		N, P1		30.12.2024	

	US-2.809		N, P1		31.12.2024	
	US-2.810		N, P1		31.12.2024	
	US-2.811		N, P1		31.12.2024	
	US-2.812		N, P1		4.1.2025	
	US-2.813		N, P1		4.1.2025	
	US-2.814		N, P1		7.1.2025	
	US-2.815		N, P1		3.1.2025	
	US-2.816		N, P1		4.1.2025	
	US-2.817		N, P1		9.1.2025	
	US-2.818		N, P1		7.1.2025	
	US-2.819		N, P1		9.1.2025	
	US-2.820		N, P1		8.1.2025	
	US-2.821		N, P1		31.12.2025”	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.252 u CA-2.253 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.251:

“Il-Kanada	CA-2.252	Ontario — Latitudni 43.05, Lonġitudni -81.03 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Thamesford 10 km SZ: Cobble Hill, Kintore, Holiday, Dunn’s Corners, Ingersoll, Dicksons Corners, Banner, Putnam, Nilestown and Thorndale
	CA-2.253	Ontario — Latitudni 43.14, Lonġitudni -81.51 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Ailsa Craig and Carlisle 10 km SZ: West McGillivray, Brinsley, Mooresville, Clandeboye, Lucan, Dengate, Bowood, Fernhill and Nairn”

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.341 u GB-2.342 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.340:

“Ir-Renju Unit	GB-2.341	near Beverley, East Riding of Yorkshire, Yorkshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.90 and Long: W0.43
	GB-2.342	near Kirriemuir, Angus, Scotland, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N56.70 and Long: W3.08”

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, jiżdiedu d-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.798 sa US-2.821 wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.797:

“L-Istati Uniti	US-2.798	State of Wisconsin Burnette 01 Burnette County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 92.0723185°W 45.9267560°N)

	US-2.799	State of Missouri Cooper 02 Cooper County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 92.6284035°W 38.8695488°N)
	US-2.800	State of California Stanislaus 12 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.8936711°W 37.7796160°N)
	US-2.801	State of California Stanislaus 15 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.0250010°W 37.5731540°N)
	US-2.802	State of California Stanislaus 16 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.7698195°W 37.5844317°N)
	US-2.803	State of California Stanislaus 17 Stanislaus County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.7970001°W 37.6031542°N)
	US-2.804	State of California Butte 04 Butte County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.6220145°W 39.4683346°N)
	US-2.805	State of California Riverside 03 Riverside County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 117.1361904°W 33.9054280°N)
	US-2.806	State of Nebraska Johnson 01 Johnson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 96.3118643°W 40.3816362°N)
	US-2.807	State of Mississippi Copiah 02 Copiah County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 90.6092943°W 31.7900384°N)
	US-2.808	State of Arkansas Clay 01 Clay County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 90.6711883°W 36.5359024°N)
	US-2.809	State of South Dakota Miner 01 Miner County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 97.5517829°W 44.0274764°N)
	US-2.810	State of Michigan Ottawa 04 Ottawa County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 86.0577945°W 42.9455829°N)

	US-2.811	State of Michigan Ottawa 05 Ottawa County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 86.0661846°W 42.9514637°N)
	US-2.812	State of Michigan Ottawa 06 Ottawa County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 86.1073049°W 43.0253169°N)
	US-2.813	State of Michigan Ottawa 07 Ottawa County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 86.1084076°W 43.0192671°N)
	US-2.814	State of Indiana Jay 01 Jay County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.8442941°W 40.6257610°N)
	US-2.815	State of West Virginia Pocahontas 01 Pocahontas County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 79.7561685°W 38.5976913°N)
	US-2.816	State of Delaware Kent 04 Kent County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.6876113°W 39.2030333°N)
	US-2.817	State of Delaware Kent 05 Kent County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.6758756°W 39.2336703°N)
	US-2.818	State of North Carolina Hyde 01 Hyde County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 76.5026312°W 35.7285291°N)
	US-2.819	State of Ohio Darke 05 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7163458°W 40.4033690°N)
	US-2.820	State of Ohio Darke 06 Darke County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 84.7747360°W 40.4271757°N)
	US-2.821	State of South Carolina Spartanburg 01 Spartanburg County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 81.9948505°W 35.2469060°N)”;

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.241 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.241	POU, RAT	N, P1		31.10.2024	15.1.2025
		GBM	P1		31.10.2024	15.1.2025"

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.246 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.246	POU, RAT	N, P1		21.11.2024	15.1.2025
		GBM	P1		21.11.2024	15.1.2025"

(c) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.252 u CA-2.253 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona CA-2.251:

"CA Il-Kanada	CA-2.252	POU, RAT	N, P1		27.12.2024	
		GBM	P1		27.12.2024	
	CA-2.253	POU, RAT	N, P1		2.1.2025	
		GBM	P1		2.1.2025"	

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.341 u GB-2.342 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.340:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.341	POU, RAT	N, P1		28.12.2024	
		GBM	P1		28.12.2024	
	GB-2.342	POU, RAT	N, P1		10.1.2025	
		GBM	P1		10.1.2025"	

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.798 sa US-2.821 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.797:

"US L-Istati Uniti	US-2.798	POU, RAT	N, P1		27.12.2024	
		GBM	P1		27.12.2024	
	US-2.799	POU, RAT	N, P1		27.12.2024	
		GBM	P1		27.12.2024	
	US-2.800	POU, RAT	N, P1		24.12.2024	
		GBM	P1		24.12.2024	
	US-2.801	POU, RAT	N, P1		27.12.2024	
		GBM	P1		27.12.2024	
	US-2.802	POU, RAT	N, P1		2.1.2025	
		GBM	P1		2.1.2025	

	US-2.803	POU, RAT	N, P1		3.1.2025	
		GBM	P1		3.1.2025	
	US-2.804	POU, RAT	N, P1		2.1.2025	
		GBM	P1		2.1.2025	
	US-2.805	POU, RAT	N, P1		31.12.2024	
		GBM	P1		31.12.2024	
	US-2.806	POU, RAT	N, P1		30.12.2024	
		GBM	P1		30.12.2024	
	US-2.807	POU, RAT	N, P1		30.12.2024	
		GBM	P1		30.12.2024	
	US-2.808	POU, RAT	N, P1		30.12.2024	
		GBM	P1		30.12.2024	
	US-2.809	POU, RAT	N, P1		31.12.2024	
		GBM	P1		31.12.2024	
	US-2.810	POU, RAT	N, P1		31.12.2024	
		GBM	P1		31.12.2024	
	US-2.811	POU, RAT	N, P1		31.12.2024	
		GBM	P1		31.12.2024	
	US-2.812	POU, RAT	N, P1		4.1.2025	
		GBM	P1		4.1.2025	
	US-2.813	POU, RAT	N, P1		4.1.2025	
		GBM	P1		4.1.2025	
	US-2.814	POU, RAT	N, P1		7.1.2025	
		GBM	P1		7.1.2025	
	US-2.815	POU, RAT	N, P1		3.1.2025	
		GBM	P1		3.1.2025	
	US-2.816	POU, RAT	N, P1		4.1.2025	
		GBM	P1		4.1.2025	
	US-2.817	POU, RAT	N, P1		9.1.2025	
		GBM	P1		9.1.2025	
	US-2.818	POU, RAT	N, P1		7.1.2025	
		GBM	P1		7.1.2025	
	US-2.819	POU, RAT	N, P1		9.1.2025	
		GBM	P1		9.1.2025	
	US-2.820	POU, RAT	N, P1		8.1.2025	
		GBM	P1		8.1.2025	
	US-2.821	POU, RAT	N, P1		31.12.2025	
		GBM	P1		31.12.2025”	